MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 370/2004

**“A”**

**vs.**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Novembru 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-27 ta' Mejju, 1995, mill-liema zwieg twieldet il-minuri “C” fid-9 ta' Lulju, 1999.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li jirregola z-zwigijiet.**

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

BI-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fid-9 ta’ Dicembru 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex hija wkoll tipprezenta l-affidavits taghha.

Rat in-nota tal-attur **“A”** tat-8 ta’ Marzu 2005 fejn permezz taghha prezenta l-affidavits tieghu stess, ta’ **Joseph Azzopardi,** hu l-attur u ta’ **Adrian Calleja,** habib ta’ l-attur kollox a fol 13 sa 19.

Rat il-verbal tal-5 ta’ April 2005 fejn dehret il-konvenuta assistita minn Dr Richard Sladden li tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Dr Ruth Scott iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Dr Sladden iddikjara li provi xi jressaq ghandu bil-procedura tal-affidavits. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-25 t'April 2005 fejn eccepiet:

1. Illi hija ma topponix ruhha ghall-annullament taz-zwieg tal-kontendenti pero` n-nullita tal-istess zwieg hija unikament responsabbilta` tal-attur u konsegwentement hija m'ghandiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 23 u 24 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta **"B"** tal-10 ta' Mejju 2005 fejn prezentat l-affidavit taghha stess (fol 27), ta' ommha **Domenica Borg** (fol 33) u ta' missierha **Emanuel Borg** (fol 35).

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tas-17 ta' Mejju 2005 fejn talbu li l-kawza tigi rikjamata u tithalla ghas-sentenza.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Mejju 2005 fejn cahdet it-talba.

Rat in-nota tal-attur tat-30 t'Awissu 2005 fejn informa lill-Qorti li m'hemmx proceduri pendenti quddiem it-Tribunal Eklesjastiku.

Rat il-verbal tal-11 ta' Ottubru 2005 fejn Dr Ruth Scott ghall-attur infurmat lill-Qorti li l-provi huma maghluqa w ukoll li d-difensuri jaqblu li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2006.

Rat in-nota ta' referenzi tal-konvenuta "B" datata 3 ta' Jannar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fic-citazzjoni pprezentata mill-attur jirrizulta li qed jallega li z-zwieg li gie celebrat bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null u bla effett, peress illi skond huwa l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha (**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u wkoll peress illi qed jippretendi li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga (**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**).

Illi dan apparti l-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255** imsemmi mill-attur fic-citazzjoni li certament ma ghandu xejn x'jaqsam mal-kaz izda jidher li huwa zball li ghal darba ohra gie citat l-istess sub-artikolu fic-citazzjoni attrici mid-difensur ta' l-attur, *stante* li dan l-izball jidher li jiddekorri fic-citazzjonijiet kollha prezentati mill-istess difensur ta' l-attur.

Illi s-subincizi ta' l-**artikolu 19 (1) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975,** li ghalihom qed jirreferi l-attur, jipprovdu li zwieg ikun null:-

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

***(g)*** *jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jinghad li kif gie ritenut fil-gurisprudenza konstanti ta' dawn il-Qrati il-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"*.

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn **N. Picard** fit-tratat intitolat **"L'immaturite' et le consentement matrimonial"** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar**

**gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores *et noe*"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) **"Suzanne *sive* Sue Rossi vs Benjamin *sive* Benny Bugeja** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002; **"Joseph Farrugia vs Marthese Fsadni"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) u ohrajn u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (**Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti*

*bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi skond il-gurisprudenza nostrana gew konsiderati dawk l-elementi li ghandhom jigu kkunsidrati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra u x-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'."*

*"Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indissolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin*

*jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, il-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali' vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew

ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara, wahda mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-Ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J. *Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*,** fii-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta`) *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fl-ahharnett dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** dan jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"**(g)** jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi l-**artikolu 19 (1) (g)** skond ***J. Edward Hudson*** jirreferi ghal dak li gie spjegat li jikkonsisti fi:-

*"a condition could either be suspensive or resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107). Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-attur izzewweg lill-konvenuta fis-27 ta' Mejju, 1995, mill-liema zwieg twieldet il-minuri "C" fid-9 ta' Lulju, 1999. Jidher li l-partijiet huma separati

legalment b'kuntratt pubbliku datat 22 ta' Ottubru 2003 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa'.

Illi f'din il-kawza l-attur qed jallega li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat kemm skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u kemm ukoll ghaliex qed jghid li l-kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat abbazi ta' l- **artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** fis-sens li l-istess kunsens taz-zewg partijiet kien vizzjat. L-konvenuta taqbel li ghandu jkun hemm dikjarazzjoni ta' nullita` taz-zwieg pero` fid-dikjarazzjoni tghid li din kienet biss attribwibbli lill-attur ghaliex l-istess attur skond hija qatt ma assuma l-obbligazzjonijiet tieghu taz-zwieg, ma kienx fidil lejha kemm qabel u kemm wara z-zwieg u wkoll qed tghid li l-attur ma kienx matur tant li kien abbanduna lill-konvenuta martu.

Illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tirrileva minn dak li hija tghid fid-dikjarazzjoni taghha l-konvenuta ma hijiex cara ghaliex qed tghid li l-kunsens ta' l-attur kien vizzjat – li huwa car huwa biss li hija qed taqbel ma' dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg, mhux qed taqbel li l-kunsens taghha kien vizzjat, u b'hekk qed topponi u tikkuntrasta l-allegazzjonijiet attrici, u qed tghid li tali annullament huwa responsabbilta` biss ta' l-attur.

Illi huwa ovvju li l-oneru ta' prova huwa ta' min jallega u dan bhala principju generali probatorju u fil-kuntest ta' kawzi ta' annullament taz-zwieg dan irid jittiehed fil-kuntest li l-presunzjoni legali hija favur il-validita` ta' kunsens moghti fiz-zwieg u dan peress li l-istitut taz-zwieg huwa wiehed ta' ordni pubbliku.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Carmelo Pace vs Dolores Pace"** (P.A. (RCP) 27 ta' Jannar 2005) jigi hawn ukoll ikkonfermat li anke fil-kaz fejn jidher li l-partijiet mid-dehra u abbazi ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuta qed donnhom jaqblu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg, izda qed jiccittaw ragunijiet differenti ghal dan, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta' annullament taz-zwieg, u dan proprju

ghaliex hemm presunzjoni legali wkoll favur il-validita` taz-zwieg ghaliex appuntu l-istitut taz-zwieg huwa prottett mill-ligi u huwa l-bazi u l-fundament tas-socjeta` taghna, anke minkejja l-kambjamenti li certament l-istess socjeta' qed tissubixxi anke fil-kuntest ta' dak li llum hija koncepita u kkonsidrata bhala "familja" kemm ghal dak li huwa s-sinifikat legali u kemm ghal dak li huwa s-sinifikat socjali u rejali ta' l-istess, rikonoxxut dan anke mill-gurisprudenza nostrali anke ta' indoli kostituzzjonjali.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu din il-Qorti hija kostretta u obbligata li tezamina l-allegazzjonijiet tal-partijiet anke jekk hemm qbil dwar dikjarazzjoni ta' nullita u anke jekk jista' jkun li tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, u wkoll meta jkun hemm separazzjoni legali, ghaliex huwa naturali li wkoll f'kazi bhal dawn il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux mghoti mill-Ligi u f'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal f'dan ir-rigward fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987.

Illi ghalhekk l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' allegazzjonijiet u provi esposti quddiema tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-ligi ghad-dikjarazzjoni pretisa ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda abbazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi u f'dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Citaz. Numru 27/1999).

Illi hawn wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghall-separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghall-annullament taz-zwieg; ta' l-ewwel jirreferu ghall-zwieg validu u kunsens validament moghti ghaz-zwieg, izda li fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni tal-obbligu ta' konvivenza bejn il-partijiet, meta fil-kaz ta' annullament taz-zwieg, il-provi

ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta’ kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura rrenda l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett.

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu u wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, konsistenti f’affidavits tal-partijiet u tax-xhieda minnhom prodotti, din il-Qorti thoss li t-talba attrici ma tistax tintlaqa’ abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** citat mill-attur ghaliex *in verita`* mix-xhieda kollha prodotta ma hemm lanqas il-minimu ta’ prova dwar l-istess u dan apparti li l-verzjonijiet tal-partijiet anke fuq semplici allegati fatti huma ghal kollox kontrastanti ghal xulxin, u lanqas iwasslu bil-mod kif prezentati sabiex din il-Qorti b’xi mod tkun tista’ tilqa’ t-talba attrici abbazi ta’ dan is-sub-artikolu.

Illi fi kliem iktar car ma hemm l-ebda prova minn ebda parti li xi parti ssimulat il-kunsens taghha taz-zwieg u dan billi eskludiet xi element essenzjali taz-zwieg jew taz-zwieg innifsu; anzi kull parti tghid bl-iktar mod car u kategoriku li huwa jew hija kienu mpjenjati li jghixu flimkien hajja ta’ ragel u mara u jkabbru familja u li zzewgu ghaliex kienu jhobbu lill-parti l-ohra. Huwa veru li l-partijiet iltaqghu l-ewwel darba meta l-konvenuta kien zghira sew, izda jirrizulta wkoll li z-zwieg sehh meta l-konvenuta kellha 19-il sena u l-attur kellhu 24 sena circa, u jidher li ebda parti minnhom ma’ eskludiet xi element essenzjali taz-zwieg mill-kunsens taghha; l-attur fil-fatt jghid li huwa kien determinat li jizzewweg lill-konvenuta ghaliex kien ihobba u ried li jizzewweg lill-konvenuta ghalkemm huwa jsostni li kien hemm min hassarlu minhabba l-eta` zghira tal-konvenuta – dan certament ma jwassalx ghal xi prova ta’ simulazzjoni ta’ kunsens *da parte* ta’ l-attur; min-naha tal-kunsens moghti mill-konvenuta lanqas mix-xhieda ta’ l-attur innifsu ma hemm ebda prova ta’ xi simulazzjoni tal-kunsens taghha f’dan il-kuntest – hemm biss allegazzjonijiet li kien hemm problemi fiz-zwieg u wkoll dikjarazzjonijiet li kien hemm biza’ li z-zwieg ma jirnexxiex minhabba dak li l-attur irrefera bhala *“differenza fl-eta’ li kien hemm bejnietna”* pero` xejn li jista’ jwassal lill-Qorti sabiex remotament tikkonsidra t-talba attrici taht dan l-aspett.

Illi intant konsistenti ma’ dan l-istess Qorti rat u ezaminat l-affidavit tal-konvenuta u din tghid car u tond li hija kienet thobb lill-attur u li l-interess taghha fir-relazzjoni taghhom kienet biss li tifforma familja ma’ l-attur u fl-affidavit taghha tkompli tispjega it-tentattivi kollha taghha, anke wara z-zwieg sabiex l-istess zwieg jirnexxi, izda certament ma’ hemm l-ebda prova ta’ simulazzjoni ta’ kunsens *da parte* tal-konvenuta. Ghalhekk it-talba attrici abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (f)** qed tigi michuda *stante* li ma tirrizultax.

Illi jekk l-istess citazzjoni attrici tigi kkunsidrata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 19 (1) (d)** jinghad li kull parti qed twahhal li l-parti l-ohra ma kienitx matura sabiex tassumi l-obbligazzjonijiet taz-zwieg, ghalkemm fic-citazzjoni attrici l-attur jallega li l-kunsens tal-kontendenti kien hekk vizzjat, mentri fid-dikjarazzjoni tal-konvenuta tghid li kien l-attur li kien immatur u li ma kienx lest li jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi jinghad ukoll li f’dan ir-rigward kull parti taghti versjoni kompletament differenti mill-parti l-ohra b’mod li kull parti qed takkuza lill-parti l-ohra li hija kienet responsabbli ghall-kunsens vizzjat abbazi ta’ dan l-ahhar subartikolu msemmi; fil-fatt l-attur jallega li huwa kien ihobb lill-konvenuta, ried jizzewwigha u jallega li l-konvenuta kienu jindahlulha l-genituri taghha, jallega li kien bezghan minhabba d-differenza fl-eta` u jallega li l-konvenuta kienet immatura, ghalkemm il-maggor parti ta’ l-affidavit tieghu huwa mimli sabiex jispjega d-diffikultajiet li huwa jew ahjar il-koppja iltaqghu maghhom fiz-zwieg, inkluz l-allegata infedelta` tal-konvenuta, problemi ta’ hrug, u ohrajn finanzjarji, li skond huwa waslet lill-koppja sabiex tissepara konsenswalment, mhux wara li l-attur jallega li kien kostrett jitlaq mid-dar. Pero` dan id-disgwid kollu gara wara li l-attur jammetti li *“ghamilna madwar sentejn sejrin tajjeb”.* L-istess attur jispejga kemm hadem u stinka sabiex jahdem u jzomm lill-konvenuta kuntenta, kemm kien ferhan meta l-konvenuta qaltlu li riedet li jkollhom it-tfal u s-sagrifficji li jghid li ghadda minnhom ghall-gid tal-familja u ghaliex kien ihobb lill-konvenuta u ried li jghixu bhala familja. Ix-xhieda ta’ huh  Joseph Azzopardi sservi

biss sabiex tispjega l-problemi li din il-koppja ltaqghet maghhom fiz-zwieg u xejn izjed u certament ma ghandha l-ebda valur probatorju fuq dik li hija t-talba attrici, la ghal dak li huwa kunsens ta' l-attur u wisq inqas ghal dak li huwa kunsens tal-konvenuta. L-istess jista' jinghad ghax-xhieda ta' Adrian Calleja li jghid li meta sar jaf mill-attur li kien ser jizzewweg lill-konvenuta *"jiena frahtlu pero` kont inhoss li kien ser isir zball li kien ser jizzewweg ghax lil "B" ma kontx naraha addatta ghalih".* Certament li din hija opinjoni ta' xhud li ma' ghandha l-ebda post u rilevanza fil-kawza odjerna u zgur li mhux b'dan il-mod trid issir il-prova ta' dak allegat mill-attur.

Illi ghal dak li allegat il-konvenuta din, kif gja inghad offriet verzjoni ghal kollox differenti minn dik attrici; tghid li l-attur kien nieqes mill-imhabba mill-genituri tieghu u tispjega kemm kienet thobbu u kemm kienet taghmel affarijiet ghalih; tghid li kien ihobb il-hbieb izda tammetti li kien l-attur li kien issugerixxa li jizzewgu, u tghid li tant insista maghha li qalilha li jekk ma jizzewwgux kien ser iwaqqaf ir-relazzjoni maghha; tghid li tant kienet thobbu li hija accettat li tizzewgu ghaliex ma rieditx li huwa jitlaqha u wkoll ix-xewqa taghha kienet li taghtih familja iktar u iktar meta hija tghid li l-attur ma kellux verament wahda. Tghid li riedet tizzewgu minkejja li skond hija l-genituri taghha ma xtaqux li binthom taghmel dan il-pass ghaliex hija tghid li ma kienux jaraw lill-attur fir-rwol ta' missier jew ragel. Tghid li zzewgitu ghaliex hija hasbet li b'hekk kienet ser issolvi l-problema ta' l-attur mal-familja tieghu – kollha allegazzjonijiet li huma kontrastanti ma' dak allegat mill-attur, kif gja inghad.

Illi dan kollu certament ma jwassalx li l-allegazzjoni attrici jew tal-konvenuta jista' jinghad li giet b'xi mod ippruvata; anzi jidher car li f'dan il-kaz ma hemm prova ta' xejn fil-kuntest ta' kunsens vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** anzi mill-provi prodotti jidher li kull parti tghid li zzewget lill-parti l-ohra ghaliex kienet thobbha u ghaliex gharfet x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, inkluz l-imhabba lejn xuxlin u l-prokreazzjoni ta' l-ulied; il-fatt li l-istess zwieg sab ruhu fi problemi bejn il-koppja dwar il-mod kif xi parti, jekk mhux kull parti agixxiet wara

z-zwieg, jistghu jaghtu lok ghar-ragunijiet ta' separazzjoni personali, izda certament mhux ghall-vizzju ta' kunsens abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi anzi din il-Qorti thoss li l-allegazzjonijiet li l-attur ghamel li l-partijiet fil-mument taz-zwieg taghomm ma' kienux konxji tad-dmirijiet u d-drittijiet taghhom taz-zwieg fil-parametri espressi fl-**artikolu 19 (1) (d)** bl-ebda mod ma gew ippruvati; l-istess jista' jinghad dwar l-allegazzjonijiet tal-konvenuta - li ovvjament jikkontradixxu lil dawk attrici u huma stess kontradetti mix-xhieda ta' l-attur – kull ma' gie ppruvat kien li wara li l-partijiet izzewgu l-istess koppja kellha problemi fiz-zwieg li kawza taghhom l-istess partijiet isseparaw fejn hemm allegazzjonijiet reciproci anke dwar infedelta` u li l-partijiet qabblu li jissepparaw kif fil-fatt ghamlu, izda vizzju ta' kunsens ta' xi parti jew ohra zgur li fl-atti processwali ma tirrizultax, u ghalhekk l-azzjoni attrici qed tigi anke abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** michuda. Ghall-kompletezza, l-affidavits tal-genituri tal-konvenuta jikkonfermaw kemm l-konvenuta kellha kunsens validu taz-zwieg u wkoll jispjegaw il-problemi li nqalghu bejn il-koppja partikolarment skond huma meta l-istess konvenuta harget tqila u hawn ukoll il-Qorti tikkonferma li *se mai* l-provi prodotti mill-partijiet jistghu jwasslu ghall- dikjarazzjoni ta' separazzjoni, izda mhux ghal dik ta' nullita` taz-zwieg.

Illi ghall-kompletezza jinghad li ma hemm ebda prova jew relevanza ghal dak indikat mill-attur permezz ta' l-**artikolu 19 (1) (g) tal-Kap 255** u dwar dan fil-fatt ma hemm l-ebda prova ta' xejn u anke taht dan l-aspett it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tichad t-talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------